MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2021

Appell Inferjuri Numru 48/2020 LM

**Silverstar Transport Limited (C 22863)**
*('is-soċjetà appellanta')*

***vs.***

**Neil Vella (K.I. 292889M)**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Silverstar Transport Limited (C 22863)** [hawnhekk 'is-soċjetà appellanta'], minn deċiżjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ fiċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'), tal-31 ta' Lulju, 2020 [minn issa 'l quddiem 'il-lodo arbitrali'], li

permezz tiegħu t-Tribunal iddeċieda li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ bi ħtija ugwali taż-żewġ sewwieqa involuti, u li konsegwentement kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

## Fatti

2. Permezz tat-talba tagħha quddiem it-Tribunal, is-soċjetà rikorrenti għamlet riferiment għal inċident awtomobilistiku li seħħ fil-5 ta' Novembru, 2015, fi Triq il-Power Station, Marsaxlokk, Delimara, bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DEF300 misjuqa mill-intimat **Neil Vella (K.I. 292889M)**, u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EPY023 proprjetà tas-soċjetà rikorrenti, misjuqa minn Manuel Ciappara [minn issa 'il quddiem 'l-inċident'], liema inċident is-soċjetà rikorrenti qalet li seħħ unikament minħabba n-negliġenza, imperizja, traskuraġni, u nuqqas ta' osservanza tar-regoli tat-traffiku da parti tal-intimat. Permezz tat-talba tagħha quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti qalet li hija qegħda tfittex lill-intimat għall-ħlas tad-danni kollha sofferti minnha konsegwenza tal-inċident. Il-pretensjoni tar-rikorrenti hija għall-ħlas ta' danni fl-ammont ta' bejn €8,000 u €10,000.

## Mertu

3. Ir-rikorrenti istitwiet dawn il-proċeduri sabiex it-Tribunal jiddikjara li l-intimat huwa responsabbli għall-inċident li seħħ ġewwa Delimara, Marsaxlokk, bejn *coach* proprjetà tas-soċjetà rikorrenti u vettura misjuqa mill-intimat, u

wara li jillikwida d-danni sofferti minnha, jikkundanna lill-intimat iħallasha dawn id-danni.

4. L-intimat Neil Vella wieġeb li l-Avviż tat-Talba u t-Talba bil-miktub kienu neqsin minn ċerti dettalji, b'tali mod li huwa ma setax jiddefendi l-lanjanzi mressqa kontra tiegħu. Qal li għalhekk huwa kien qiegħed jirriserva li fi stadju aktar avvanzat jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri fuq il-mertu u/jew fuq il-proċedura. Qal ukoll li huwa mhux responsabbli għall-inċident, li seħħ għal raġunijiet imputabbli lir-rikorrenti jew lill-persuni li kienu qed isuqu l-vettura bil-kunsens u bl-għarfien tar-rikorrenti. L-intimat eċċepixxa wkoll li l-inċident seħħ minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' min kien qiegħed isuq il-vettura proprjetà tas-soċjetà rikorrenti. Qal li għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha.

5. It-Tribunal sema' diversi xhieda, fosthom lil **Renny Zammit**, sid il-vettura EPY023, li spjega li din il-vettura hija *coach* proprjetà tas-soċjetà rikorrenti, li fil-ħin tal-inċident kienet misjuqa minn ċertu Manuel Ciappara. Dan ix-xhud qal li wara l-inċident huwa mar fuq il-post, u ra li l-*coach* kienet kważi qiegħda tħokk mal-vetturi li kienu pparkjati mal-ħajt. Qal li mal-art kien hemm marki tal-brejkijiet tul ta' metru, u l-*coach* sofriet ħsara fuq quddiem u fuq il-parti tal-lemin. Ix-xhud qal li t-triq fejn seħħ l-inċident hija waħda dritta, u kien hemm vetturi pparkjati maż-żewġ naħat tagħha. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, x-xhud qal li l-Land Rover misjuqa mill-intimat ma ħalliet l-ebda marki ta' brejkijiet, u l-intimat beda jiskuża ruħhu u jgħid li huwa kien ilu xogħol ġewwa l-

*power station* għal madwar għoxrin siegħa. Qal li wara ftit ħin, fuq il-post tal-inċident wasal missier l-intimat, u minn dak il-ħin l-intimat waqaf jgħid li t-tort tal-inċident kien tiegħu.

6. **Manuel Ciappara**, prodott mis-soċjetà rikorrenti spjega li huwa kien qiegħed isuq *coach* vojta, u kien sejjer fid-direzzjoni tal-*power station.* Qal li t-triq fejn seħħ l-inċident kienet waħda dritta, u huwa ra Land Rover ġejja għal fuqu għall-għarrieda. Spjega li huwa pprova jikser lejn ix-xellug tat-triq, iżda dak il-ħin l-intimat ħabat miegħu. Qal li fil-mument tal-impatt huwa kien wieqaf, u x'ħin ra lill-intimat jaqleb fuq il-lemin, dan kien tul ta' madwar erba' vetturi bogħod minnu. Qal li dak il-ħin huwa kien għaddej b'erbgħin jew ħamsin kilometru fis-siegħa. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ix-xhud qal li wara l-inċident l-intimat skuża ruħhu u qallu li ma kienx rah. Ix-xhud qal li huwa waqaf meta ra lill-intimat dieħel fuqu, u d-daqqa fuq il-*coach* kienet fuq quddiem man-naħa tal-lemin, għalkemm l-intimat ġibed it-tul kollu tal-*coach* bil-ħabta.

7. L-intimat **Neil Vella** spjega li qabel seħħ l-inċident, huwa kien ipparkjat madwar mitt metru 'l bogħod minn fejn seħħ l-inċident, u qal li fil-ħin tal-inċident huwa kien waħdu fil-vettura. Kompla jgħid li huwa kien ipparkjat fuq in-naħa tax-xellug, beda jsuq u kif wasal fil-kisra, ra l-vettura tar-rikorrenti ġejja mill-faċċata tiegħu, "fuq in-naħa l-ħażina tat-triq." L-intimat qal li huwa pprova jiġbed lejn ix-xellug, iżda dak il-ħin seħħ l-impatt bejn il-vetturi. Qal li qabel l-inċident il-*coach* kienet qiegħda tinstaq fid-direzzjoni tiegħu, u minkejja li t-triq hija waħda wiesgħa, man-naħa minn fejn kienet ġejja l-*coach* kien hemm il-vetturi pparkjati. L-intimat qal li mhux minnu li l-ħsara kienet mal-ġenb kollu tal-*coach* kif sostna s-sewwieq tagħha. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami l-

intimat qal li l-ewwel darba li huwa ra l-*coach,* din kienet madwar għoxrin metru bogħod minnu, u li dak il-ħin hu kien qiegħed isuq b'madwar erbgħin jew ħamsin kilometru fis-siegħa. Qal ukoll li huwa naqqas mill-veloċità sabiex jipprova jevita l-impatt, iżda li l-vetturi ħabtu xorta waħda. Qal li mal-ewwel daqqa, il-vettura tiegħu spiċċat mingħajr *tyre.*

8. Il-partijiet ippreżentaw kopji tal-istimi tad-danni mġarrba minnhom, kif ukoll kopja tar-rapport tal-*warden* li sar in segwitu għall-inċident, u diversi ritratti li juru l-vetturi wara li seħħ l-inċident.

## <u>Il-Lodo Arbitrali</u>

9. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-31 ta' Lulju, 2020, l-Arbitru ddeċieda l-vertenza li kellu quddiemu billi qal li l-partijiet huma ugwalment responsabbli għall-inċident, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"<u>**Konsiderazzjonijiet tal-Arbitru**</u>*

*Dan l-inċident jirrigwarda inċident tat-traffiku li ġara fil-5 ta' Novembru, 2015 għall-ħabta tas-6:00pm ġewwa Power Station Road, M'Xlokk bejn ix-xarabank numru EPY023 misjuq minn Manuel Ciappara u proprjetà tal-kumpannija rikorrenti, Silverstar Transport Limited, u l-vettura numru DEF300 proprjetà u misjuqa mill-intimat Neil Vella.*

*Il-ħabta ġrat meta kien kważi dalam u t-triq fejn ġara l-inċident hija waħda dritta u wiesgħa u tippermetti li jgħaddu ma' ġenb xulxin żewġ vetturi sejrin fid-direzzjoni opposta u dan anki b'vetturi pparkjati fuq iż-żewġ naħat tat-triq, kif kien skont Renny Zammit il-każ meta seħħ l-inċident. Neil Vella qed isostni li vetturi pparkjati kienu fuq naħa waħda tat-triq u ċioe fuq in-naħa tax-xellug tax-xarabank.*

*Fix-xhieda tiegħu Renny Zammit, sid ix-xarabank, mar fuq il-post tal-inċident wara li kien seħħ l-inċident u stqarr hekk:*

"It-triq kienet waħda dritta u kien hemm karozzi pparkjati fuq iż-żewġ naħat."

*L-istess Renny Zammit kompla jgħid:*

"Rajt il-coach kważi jħokk mal-vetturi li kienu pparkjati mal-ħajt. Il-ħabta ġrat fuq is-*side* tiegħu. Kien hemm *brakemarks* ta' xi metru tul. Il-*coach* kellu ħsara fuq quddiem u fuq il-ġenb tal-lemin. Il-vettura l-oħra, li kienet Land Rover spiċċat f'nofs it-triq."

*Xehed ukoll Warden 570, Anthony Cinto li eżebixxa r-Rapport tiegħu (Dok. AS1 u AS2). Huwa spjega illi*

*"*... t-traffiku li kien involut fil-ħabta kien qed jimblokka t-triq. Wara li ħadna r-ritratti (l-iskizz ma sarx) mexxejna l-vetturi biex b'hekk seta' jgħaddi t-traffiku."

*L-istess Warden ikkonferma illi dak li qalulu ż-żewġ sewwieqa tniżżel fir-Rapport tiegħu.*

*F'dawn il-proċeduri xehdu wkoll Manwel Ciappara, is-sewwieq tax-xarabank numru EPY023, u Neil Vella, is-sewwieq tal-vettura numru DEF300.*

*Fix-xhieda tiegħu Manwel Ciappara spjega illi huwa kien qed isuq ix-xarabank sejjer fid-direzzjoni tal-Power Station. Kompla jgħid li huwa ra l-Land Rover ġej għal fuqu u ħabtu. Li huwa pprova jiġbed lejn ix-xellug* imma l-istess ħabat miegħi – *dak il-ħin kien wieqaf. Ciappara kompla jgħid:*

*"*Meta rajtu jaqleb lejn il-lemin kien tul ta' xi erba' vetturi il-bogħod minni. Kollox ġara f'ftit sekondi. Jien kont għaddej b'erbgħin/ħamsin (40/50) kfs."

*Stqarr ukoll illi wara l-inċident is-sewwieq tal-Land Rover skuża ruħhu u qalli li ma kienx rani.*

*Manuel Ciappara spjega wkoll illi:*

*"*Qabel ma ersaqt lejn ix-xellug kont qed insuq f'nofs il-karreġġata tiegħi. Jiena rajtu ġej għal fuqi.

Jiena waqaft meta rajtu ġej għal fuqi u hekk kont sakemm huwa daħal fiha. Id-daqqa fuq il-*coach* kienet fuq quddiem fuq in-naħa tal-lemin u baqa' jiġbed il-ġenb kollu tal-*coach.*

Naqbel li l-vetturi spiċċaw kif jidher fir-ritratt 3/6 tal-Warden."

*Fix-xhieda tiegħu Neil Vella spjega illi huwa kien qed isuq il-vettura numru DEF300 u li kien ġej mid-direzzjoni tal-Power Station fejn kien jaħdem. Qal ukoll illi huwa kien ilu jaħdem (xi 20 siegħa) u li kien għajjien:*

"Kont għajjien għax kont domt fuq ix-xogħol."

*Dwar l-inċident, Neil Vella qal hekk:*

*"*Ix-xarabank ħasditni għax ma stennejtx li kienet sejra tkun hekk viċin tiegħi u għalhekk ġbidt lejn ix-xellug tiegħi. Jiena ma biddiltx il-verżjoni tiegħi ta' kif ġara l-inċident meta ġie missieri."

*Fil-kontro-eżami Neil kompla jgħid:*

"L-ewwel darba li rajt ix-xarabank din kienet xi għoxrin metru 'l bogħod u kont ħriġt mill-parking xi tmenin metru lura. Meta rajt ix-xarabank fuq in-naħa tiegħi jiena bqajt għaddej imma ġbidt fuq ix-xellug tiegħi. Jiena kont qed insuq b'ergħin/ħamsin (40/50) kfs. Jiena naqqast l-ispeed meta ppruvajt nevitah. L-ewwel daqqa tiegħi kienet fuq in-naħa tiegħi. Jiena dort fuq ix-xellug qabel ma ħbatt. Wara l-ewwel daqqa l-vettura tiegħi kienet bla *tyre."*

*Neil Vella fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri wkoll stqarr illi huwa ra x-xarabank fuq in-naħa ħażina tat-triq.*

*Mix-xhieda mogħtija miż-żewġ sewwieqa jirriżulta illi din hija waħda għal kollox konfliġġenti billi ż-żewġ sewwieqa qed isostnu li l-inċident ġara fuq in-naħa tagħhom tat-triq. Hemm ukoll il-problema illi ma sarx skizz u għalhekk wieħed ma jistax jiddetermina eżatt fejn kien "***l-ispot of impact.**"

*L-unika ħaġa li tista' ssir referenza għaliha, apparti x-xhieda, huma r-ritratti meħuda mill-warden u minn Neil Vella. Issa jekk wieħed iħares lejn ir-ritratt 4/6 tal-warden u ritratt NV5 jidher ċar illi x-xarabank hija fuq in-naħa tax-xellug tat-triq viċin tal-vettura pparkjata. Jekk wieħed iħares lejn ir-Ritratt immarkat bħala Dok. NV2 u dak tal-warden 3/6 hemm indikazzjoni ta'* white line *f'nofs it-triq. Kemm ix-xarabank kif ukoll il-Land Rover jidhru li spiċċaw fuq dan il-white line.*

*Fix-xhieda tiegħu u anki f'dak li qal lill-warden wara l-inċident (kont għaddej fil-linja tiegħi) Manwel Ciappara dejjem sostna illi huwa kien qed isuq fuq in-naħa tat-triq tiegħu.*

*Neil Vella mill-banda l-oħra qal illi meta ra x-xarabank din ħasditu għax ma stennejtx li kienet sejra tkun hekk viċin tiegħi u għalhekk ġbidt lejn ix-xellug tiegħu. Vella qal li huwa ra x-xarabank ġejja fuq in-naħa ħażina tat-triq "*rajt ix-xarabank ġewwa mill-faċċata tiegħi fuq in-naħa ħażina tat-triq. Ipprovajt niġbed aktar lejn ix-xellug imma l-istess ħbatna. Qed nesebixxi bħala Dok. NV2 sa NV5 ritratti li ħadthom jiena fuq il-post tal-inċident. Referenza Dok. NV 2 qed nimmarka fejn hemm iċ-central white line. Mal-impatt ir-rota tiegħi ta' quddiem inqalgħet minn mal-axel."

*Neil Vella qal ukoll:*

“Qabel l-inċident ix-xarabank kien miexi fid-direzzjoni tiegħi. It-triq hija waħda wiesgħa imma fuq in-naħa tiegħu kien hemm vetturi pparkjati (ara ritratt NV5).”

*Wara l-inċident meta tkellem mal-warden qal illi huwa kien għaddej “*u rajtu ma’ wiċċi u ppruvajt niżgiċċah.” *Vella f’ebda ħin ma qal lill-warden illi f’dak il-mument ix-xarabank kienet fil-lane tiegħu u lanqas ma qal f’liema lane kien qed isuqu.*

*Jekk wieħed iħares lejn ir-ritratti mmarkati NV2 u ppreżentat mill-intimat stess wieħed jinnota illi l-vettura ta’ Neil Vella wara l-ħabta spiċċat in parte f’naħa tax-xellug tat-triq.*

*Vella sostna wkoll, u dana kuntrarjament għal dak li qal Renny Zammit, illi vetturi ma kinux ipparkjati fuq iż-żewġ naħat tat-triq, iżda fuq naħa waħda u ċioe fuq in-naħa tax-xarabank biss.*

“It-triq hija waħda wiesgħa imma fuq in-naħa tiegħu kien hemm vetturi pparkjati (ara Ritratt NV5).”

*Fil-fehma tal-esponenti dak li ntqal **a tempo vergine** huwa importanti fis-sens illi:*

“il-verżjoni li s-sewwieqa jagħtu lill-pulizija a tempo vergine hija l-aktar waħda kredibbli għaliex tingħata spontanjament mingħajr ma sewwieq ikollhom ċans jaħsbu, jintebħu b’ċertu affarijiet, jitkellmu ma’ terzi, u konsegwentement ivarjaw il-verżjonijiet tagħhom kif jaqblilhom.” ***Andrew Ciantar vs Joseph Coleiro 13/7/01.***

*Vide wkoll **Joanne Borg vs Michael Mizzi 22/10/02** fejn intqal –*

“Ġeneralment fatturi relevanti għal kolliżjoni jirriżultaw mir-rapport magħmul mill-Pulizija a tempo vergine.”

*Hija regola ta’ sewqan f’Malta illi t-traffiku għandu jżomm fuq in-naħa tax-xellug tat-triq, ħlief f’ċirkostanzi eċċezzjonali li f’dan il-każ ma japplikawx.*

*Il-Highway Code jgħid **“Keep to the left.”***

*Il-ktieb **Driving – The Ministry of Transport Manual** jgħid hekk:*

*“*Normally you should drive well into the left. This does not mean that you should drive in the gutter, but simply that you should not drive on the crown of the road.”

*Imħabba l-konflitt ta’ xhieda l-esponenti huwa tal-fehma illi li kieku xi wieħed mis-sewwieqa ma naqasx, dan l-inċident ma kienx iseħħ.*

*L-Arbitru sejjer għalhekk japplika l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna fis-sens illi f’ċirkostanzi simili għandha tiġi applikata l-massima prattika ta’ buon sens għar-ripartizzjoni ta’ responsabbilità, ossia illi:-*

*"*It is a sound rule that when the case is such that the blame cannot with any certainty be apportioned, the liability shall be apportioned equally." (Vide **Joseph Galdes vs Victor Micallef –** Appell Ċivili – Deċiża 20/01/1964; u **Elmo Insurance Agency Limited noe et *vs* Carmel Vella Clark –** Appell Ċivili (Inferjuri) – Deċiża 22/11/2002).

*L-Onorabbli Tribunal Għal Talbiet Żgħar fis-sentenza bl-ismijiet **Borg vs Bajada tat-22 ta' Settembru, 2001** (ikkonfermata fl-appell): kif jirrapporta Charlesworth & Kamp; Percy, On Negligence (Sweet & Maxwell, 1997)) para 9-221:*

*"*... when there is a collision between two motor vehicles in the highway and there is no evidence pointing to one driver being any more to blame than the other, the proper inference to be drawn is that they are both to blame (Baker vs Market Harborough Industrial Co-operative Soc. 1953 1 WLR 1472); Howard v Bemrose 1973 RTR 32, C.A).

*Illi di più, kif ikkonfermat il-**Qorti tal-Appell fis-sentenza bl-ismijiet Borg v Bajada tal-14 ta' Lulju, 2004**:*

"Anke f'dan il-Qorti ma ssibx li t-Tribunal tbiegħed mill-prinċipju tad-dritt, akkolt ukoll fil-ġurisprudenza tagħna, illi "huwa dejjem imħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi l-proporzjon li fiha l-ħtija tiġi kondiviża. U allura fejn il-ħtija ma tkunx tista' tiġi maqsuma b'ċertezza, ir-responsabbilità tiġi spartita ugwalment."

*Għaldaqstant l-Arbitru jikkonkludi illi l-inċident de quo seħħ bi ħtija ugwali taż-żewġ xufiera u li għalhekk kull wieħed minnhom għandu jbati l-ispejjeż tiegħu. L-ispejjeż ta' dan l-arbitraġġ għandhom jiġu sopportati ugwalment bejn il-partijiet."*

## L-Appell

10. Is-soċjetà appellanta ressqet l-appell tagħha mil-lodo arbitrali appellat fl-20 ta' Awwissu, 2020, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tirriforma s-sentenza fl-ismijiet **Silverstar Transport Limited vs Neil Vella**, Arbitraġġ Numru M 4687/2016 deċiża nhar il-31 ta' Lulju, 2020 billi tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza u konsegwentement tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat appellat u tilqa' t-talbiet kollha eċċepiti mis-soċjetà rikorrenti, illum l-appellanta fl-intier tagħhom bl-imgħax u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat appellat."*

11. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata bil-lodo arbitrali appellat għal tliet raġunijiet ewlenin. Spjegat li fl-ewwel lok it-Tribunal bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-kredibbilità tal-partijiet, u f'dan ir-rigward qagħad fuq fatti li ma jirriżultawx mill-proċess jew mill-provi esebiti, u għalhekk it-Tribunal kien legalment skorrett għaliex wasal għal konklużjonijiet billi straħ fuq ipotesijiet li ma jirriżultawx mill-provi. Is-soċjetà appellanta tgħid dan għaliex il-pern u l-mertu tal-kawża jdur fuq il-kredibbilità tax-xhieda, la darba dawn taw verżjonijiet dijametrikament opposti għal xulxin, u huwa għalhekk li t-Tribunal wasal għall-konklużjoni li x-xufiera taż-żewġ vetturi għandhom iwieġbu għal dan l-inċident b'mod ugwali għal xulxin. L-appellanta qalet li t-Tribunal kellu jagħti piż lix-xhieda tas-sewwieq Manuel Ciappara, li xehed li wara l-inċident l-intimat skuża ruħhu u qallu li kien ilu xogħol il-*power station* għal għoxrin siegħa, u kien biss wara li fil-post tal-inċident mar missier l-intimat, li dan waqaf jgħid li t-tort tal-inċident kien tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal naqas milli jagħti piż għal dak li xehed Ciappara, li qal li dak il-ħin kien wieqaf, u lill-intimat rah tul ta' xi erba' vetturi 'l bogħod minnu. Is-soċjetà appellanta qalet li din ix-xhieda hija ferm verosimili u tikkombaċċja mal-provi l-oħra prodotti, inkluż il-marki tal-brejkijiet li juru li l-*coach* kienet statika fil-ħin meta seħħ l-impatt, kuntrarjament għall-vettura misjuqa mill-appellat, li mill-provi miġjuba ma ħalliet ebda marki ta' brejkijiet. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk din il-kawża tirrivolvi fuq il-kredibbilità u l-konsistenza tax-xhieda, u l-appellat tilef din il-kredibbilità stante li ma kienx konsistenti meta biddel il-verżjoni ftit wara li fuq il-post tal-inċident wasal missieru. Is-soċjetà appellanta qalet li l-kredibbilità ta' Manuel Ciappara ma ġiet imtappna bl-ebda mod, u dan baqa' jagħti l-istess verżjoni ta' kif ġraw il-fatti, anki wara li sarlu l-kontro-eżami, kuntrarjament għall-intimat li bidel il-

verżjoni meta fuq il-post wasal missieru. Is-soċjetà appellanta qalet li dak li jintqal *a tempo vergine* huwa ferm importanti u għandu jingħata ferm iżjed piż, u għalhekk fil-fehma tagħha t-Tribunal kellu jistrieħ fuq il-verżjoni tal-fatti kif mogħtija mix-xufier tal-*coach,* u abbażi ta' tali xhieda kellu jikkundanna lill-appellat u jsibu ħati għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri.

12. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal għamel ukoll interpretazzjoni żbaljata tal-*Highway Code,* li jgħid *"[k]eep to the left",* li hija regola ġenerali tas-sewqan f'pajjiżna, għajr f'ċirkostanzi eċċezzjonali, u b'konsegwenza ta' dan, it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li ma tirrispettax il-verità u l-fatti kif ġraw. Qalet li x-xufier Manuel Ciappara żamm kemm seta' man-naħa tax-xellug tat-triq, għaliex kien hemm vetturi pparkjati man-naħa tax-xellug tiegħu, kif ġie vverifikat mir-ritratti esebiti. Qalet li għall-kuntrarju, l-appellat kien qiegħed isuq vettura ferm iżgħar minn dik li kien qiegħed isuq Ciappara, iżda dan mingħajr ebda raġuni valida qaleb għal fuq il-lemin tat-triq u kompla jsuq fin-nofs, b'tali mod li ħabat ġol-*coach* mingħajr ma żamm brejk jew ipprova jevita l-impatt. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk kien hemm nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, anki konsegwenza tal-għejja li l-appellat kellu wara ġurnata twila ta' xogħol. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal kellu jagħti piż għall-fatt li l-appellat saq għajjien wara xift twil, fejn normalment xift ikun ta' tmienja jew ta' tnax-il siegħa, u hawnhekk jirriżulta li l-appellat ħadem id-doppju, bir-riżultat li dan raqad waqt is-sewqan.

13. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li l-Arbitru mar waħdu fuq il-post sabiex jikkonstata dwar l-inċident, mingħajr ma kien hemm preżenti rappreżentanti tas-soċjetà appellanta jew tal-appellat jew xi ħadd mill-partijiet. Is-soċjetà

appellanta qalet li nuqqas ieħor huwa li ma sarx skizz tad-dinamika tal-inċident, u għalhekk wieħed ma jistax jiddetermina fejn kien l-*ispot of impact,* bi preġudizzju kbir għaliha.

**Ir-Risposta tal-Appell**

14. L-appellat ma ressaq l-ebda risposta għall-appell tas-soċjetà appellanta, iżda l-avukat difensur tiegħu ittratta quddiem il-Qorti u qajjem punti b'risposta għall-aggravji sollevati.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

15. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tas-sottomissjonijiet tal-appellat, u anki tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

*L-ewwel aggravju:* *[l-Arbitru bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq assunzjonijiet li ma jirriżultawx mill-provi]*

16. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħasset ruħha aggravata għaliex it-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq asserzjonijiet li ma jirriżultawx mill-provi, minflok ma bbaża ruħhu fuq il-kredibbilità tax-xhieda, fejn il-persuni involuti fl-inċident taw verżjonijiet opposti għal xulxin. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għal dak li xehed Manuel Ciappara, is-sewwieq tal-vettura proprjetà tagħha, li qal li mmedjatament wara l-inċident l-intimat skuża ruħhu għal dak li

kien ġara, u stqarr li l-inċident seħħ għaliex kien ilu xogħol għal madwar għoxrin siegħa ġewwa l-*power station.* Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal lanqas ma ta piż lix-xhieda ta' Manuel Ciappara, li spjega li fil-ħin tal-impatt huwa kien wieqaf, u ra lill-intimat jaqleb lejn in-naħa tal-lemin tat-triq, meta kien tul ta' madwar erba' vetturi bogħod minnu. Is-soċjetà appellanta qalet li dak li xehed is-sewwieq tal-vettura proprjetà tagħha huwa korroborat minn provi oġġettivi, bħall-fatt li mal-art kien hemm marki ta' brejkijiet tul ta' metru li jindikaw li l-*coach* kienet wieqfa fil-ħin tal-inċident. L-appellanta kompliet tgħid li l-appellat bidel il-verżjoni tal-mod kif seħħ l-inċident wara li fuq il-post tal-inċident wasal missieru, u l-Arbitru kellu obbligu jagħti piż lil dak li ntqal *a tempo vergine* mill-partijiet.

17. Il-Qorti tirrileva li għalkemm it-Tribunal qies il-provi kollha miġjuba quddiemu, dan xorta waħda ma setax jiddetermina jekk xi parti jew oħra kinitx responsabbli għall-inċident. F'dan il-każ il-Qorti ma tistax taqbel mas-soċjetà appellanta, partikolarment fejn din donnha timplika, li għaliex l-appellat stqarr li huwa kien ilu xogħol siegħat twal xogħol l-*power station,* xi ħaġa li ma ġietx ivverifikata indipendentement, allura dan neċessarjament ifisser li huwa għandu jassumi r-responsabbilità għall-inċident. Is-soċjetà appellanta tmur oltre minnhekk u saħansitra tallega li l-inċident bilfors seħħ għaliex l-intimat raqad waqt li kien qiegħed isuq. Il-Qorti, bħat-Tribunal qabilha, qieset il-provi kollha miġjuba, minn fejn jirriżulta li l-appellat stqarr li huwa kien għadu kif beda jsuq għaliex kien ipparkjat f'distanza ta' madwar mitt metru mill-post tal-inċident, u għalhekk xejn m'huwa verosimili li l-inċident seħħ għaliex l-appellat raqad fuq l-i*steering.* Lanqas ma jista' jingħad li l-inċident seħħ għaliex b'xi mod

l-appellat kien diżorjentat billi kien għadu kif ħareġ minn xift twil. Il-Qorti ma sabet l-ebda prova lanqas li l-appellat bidel il-verżjoni tiegħu ta' kif ġraw l-affarijiet, bejn dak li qal immedjatament li seħħ l-inċident u wara li fuq il-post tal-inċident wasal missieru.

18. Il-Qorti kkonsidrat ukoll dak li qalu l-partijiet fir-rigward tad-dinamika tal-inċident. Fattur wieħed li l-partijiet jidhru li qablu dwaru huwa l-mument li fih kull wieħed mis-sewwieqa intebaħ bis-sewwieq l-ieħor, għaliex Ciappara qal li huwa kien tul ta' madwar erba' vetturi bogħod x'ħin lemaħ lill-appellat ġej fid-direzzjoni tiegħu, filwaqt li l-appellat qal li kien hemm distanza ta' madwar għoxrin metru meta ntebaħ bil-vettura l-oħra ġejja mid-direzzjoni opposta, u l-post fejn seħħ l-impatt. Iżda l-Qorti hija tal-fehma li l-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal fil-lodo arbitrali, li mir-ritratti esebiti mhux faċli li wieħed jiddetermina min mis-sewwieqa huwa responsabbli għall-inċident, għandhom mis-sewwa. Kif il-Qorti diġà osservat, l-inċident ma kienx iseħħ li kieku xi ħadd mill-partijiet ma naqasx waqt is-sewqan, u x'aktarx li l-inċident ħalla l-konsegwenzi li ħalla għaliex iż-żewġ sewwieqa naqsu jew għamlu xi żbalji. Jista' jkun li huwa minnu li s-sewwieq Manuel Ciappara kien wieqaf fil-mument tal-impatt, iżda b'daqshekk ma jfissirx illi l-pożizzjoni li kien fiha jew il-post fejn waqaf, ma kkontribwiex għall-inċident. Mir-ritratti esebiti jirriżulta li l-impatt seħħ viċin il-linja fin-nofs tat-triq, u għalhekk aktarx li dak li qal l-appellat, li hu lemaħ lis-sewwieq tax-xarabank sejjer fid-direzzjoni tiegħu, għandu mis-sewwa. Wara li qieset dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal u l-konklużjonijiet milħuqa minnu huma l-aktar ekwi fiċ-ċirkostanzi u

fin-nuqqas ta’ provi aħjar, u huwa għalhekk li tqis illi dan l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq, u qed tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[interpretazzjoni żbaljata tal-Highway Code]*

19. Is-soċjetà appellanta qalet li meta t-Tribunal għamel riferiment għall-*Highway Code,* u għall-ħtieġa li s-sewwieqa jżommu mal-parti tax-xellug tat-triq ħlief f’ċirkostanzi eċċezzjonali, dan ta interpretazzjoni żbaljata ta’ dan l-obbligu. Żiedet tgħid li f’dan il-każ is-sewwieq Manuel Ciappara żamm kemm seta’ man-naħa tax-xellug tat-triq, minkejja li kien hemm vetturi pparkjati, u kien l-appellat li qaleb il-linja għal fuq il-lemin tat-triq u kompla jsuq f’nofs it-triq mingħajr ma żamm brejk jew ipprova jevita l-impatt. Kien hawn li s-soċjetà appellanta sostniet li dan seħħ għaliex l-appellat kien għajjien wara xift twil fuq ix-xogħol tiegħu, u allegat li l-appellat kien raqad waqt is-sewqan.

20. Il-Qorti hija tal-fehma li ċerti konklużjonijiet li waslet għalihom is-soċjetà appellanta huma gratuwiti għall-aħħar, u m’hemm xejn li jindika li l-fatti seħħew kif qiegħda tipprova tpinġihom is-soċjetà appellanta, partikolarment fejn din tallega li l-appellat raqad waqt is-sewqan. L-inċident seħħ fl-inħawi tal-post tax-xogħol tal-appellat, li xehed li huwa kien għadu kif ħareġ mill-parkeġġ tax-xogħol meta seħħ l-inċident, u għalhekk ma tantx huwa verosimili li dan laħaq raqad f’ħin daqstant qasir. Mir-ritratti esebiti jirriżulta li l-inċident seħħ ferm viċin il-linja tan-nofs tat-triq. Il-Qorti tirrileva li l-vettura misjuqa mill-appellat hija ferm iżgħar fid-daqs mix-xarabank misjuqa minn Ciappara, u aktarx li kien għalhekk li din spiċċat daret mal-impatt, b’tali mod li fir-ritratti tidher donnha qiegħda fuq

in-naħa tal-lemin tat-triq. Il-Qorti mhijiex disposta li taċċetta l-allegazzjonijiet li qegħdin isiru mis-soċjetà appellanta meta dawn ma jirriżultawx mill-provi prodotti, u għalhekk tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u qed tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *[il-fatt li l-Arbitru mar waħdu fuq il-post tal-inċident sabiex jikkonstata l-fatti kif ġraw]*

21. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħasset ruħha aggravata wkoll bil-fatt li l-Arbitru mar waħdu fuq il-post fejn seħħ l-inċident, mingħajr ma sejjaħ lill-partijiet, u bil-fatt li f'dan il-każ ma sarx skizz li juri d-dinamika tal-inċident.

22. Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li fi proċeduri arbitrali, fejn id-deċiżjoni li tittieħed trid tkun waħda ekwa, jista' jagħti l-każ li l-ġudikant iħoss il-ħtieġa li jmur fuq il-post fejn ikun seħħ inċident sabiex jikkonstata d-dinamika tal-inċident u janalizza l-possibilitajiet kollha ta' kif seta' seħħ l-inċident. L-Arbitru imkien ma qal li huwa wasal għall-konklużjonijiet tiegħu abbażi ta' dak li sab waqt l-aċċess li għamel fuq il-post, u għalhekk mhux ċar għal liema raġuni l-appellanta ħassitha aggravata bil-fatt li l-Arbitru mar waħdu fuq il-post.

23. Fit-tieni lok, il-fatt li ma sarx skizz li juri d-dinamika tal-inċident ċertament li mhux xi nuqqas li għandu jiġi attribwit lill-Arbitru. Kien jinkombi wkoll fuq is-soċjetà appellanta li f'każ li kellha provi aħjar minn dawk li ġew prodotti quddiem it-Tribunal, din tippreżentahom, in sostenn tal-pożizzjoni li hija qiegħda tieħu f'dawn il-proċeduri. Dan ma sarx, u għalhekk l-Arbitru sab ruħhu f'sitwazzjoni fejn ma setax jiddetermina b'ċertezza jekk xi wieħed mill-partijiet huwiex unikament responsabbli għall-inċident, inkella huwiex il-każ li r-

responsabbilità għal dak li seħħ għandha tiġi spartita ugwalment bejn il-partijiet. Għaldaqstant tqis illi dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma l-lodo arbitrali appellat fl-intier tiegħu.**

**Spejjeż tal-proċeduri arbitrali jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mis-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**